MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 241/1999/1

**John Baptist u Tessie konjugi Tabone.**

**-vs-**

**Lucy Micallef u Dr.Richard Sladden u PL Liliana Buhagiar li b'digriet tal-5 ta' Frar 2001 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Frans Falzon kif ukoll Joseph u Mary konjugi Falzon.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta' Frar 1999, li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-attur imsemmi John Baptist Tabone kien xtara u akkwista minghand John Falzon, illum mejjet, il-fond

numru tnax (12) Triq San Gaetano, il-Hamrun, bil-prezz ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) li mitejn lira (Lm200) minnhom thallsu fuq il-kuntratt filwaqt li l-bilanc kollu jithallas sa zmien hames snin mid-data tal-kuntratt li sar fis-17 ta' Jannar, 1979, fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi minkejja li l-prezz gie mhallas kollu mill-attur, l-iskrizzjoni privileggiaria kontra l-attur in garanzija tal-hlas ta' l-imsemmi prezz baqghet ma gietx kancellata mill-eredi tal-mejjet John Falzon propju ghaliex tlieta mill-eredi ta' l-istess John Falzon baqghu rikalcitranti.

Illi l-attur jixtieq ibiegh l-imsemmi fond izda dan ma jistax jaghmlu minhabba li l-iskrizzjoni privileggiaria 1088/79 ghadha ma gietx kancellata.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggi din il-Qorti jikkancellaw l-iskrizzjoni privileggiaria Numru 1088/79 mahruga minn John Falzon kontra John Baptist Tabone in segwitu ghall-vendita' tal-fond fuq imsemmi u b'digriet tas-17 ta' Gunju, 1996 gew mizjuda il-kliem "u okkorrendo wara jsir il-pagament dovut lill-konvenuti".

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-30 ta' Jannar, 1992 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta Lucy Micallef baqghet kontumaci.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ippresentata fit-12 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet lill-Avukat tal-atturi.

Illi l-konvenuti ma ressqu ebda provi u mill-process tal-kawza fl-istess ismijiet illi kienet giet deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1998 jidher li ghalkemm kien sar il-hlas dovut mill-awtur tal-atturi, ma kienitx giet ikkancellata l-iskrizzjoni ipotekarja in kwistjoni. Il-konvenuti lanqas kienu jafu li missierhom kien biegh il-fond imsemmi lill-atturi u baqghu isostnu li l-fond hu taghhom izda dan jikkontrasta ma' dak li hemm fl-atti u cioe' li l-fond kien gie trasferit lill-atturi fl-1979.

Billi ghalhekk it-talba tal-atturi mhijiex kontradetta:

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuta Micallef u billi l-konvenuti kuraturi baqghu mhux edotti bil-fatti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:**

**1. Tordna lill-konvenuti biex jersqu ghall-kancellament tal-iskrizzjoni tal-privilegg numru 1088/79 mahruga minn John Falzon kontra John Baptist Tabone in segwitu ghall-vendita tal-fond imsemmi u tordna li l-kuntratt jigi pubblikat minn Nutar Silvana Caruana Bugeja fit-2 ta' Lulju 2004 u tahtar bhala kuratur**

**biex jirrapresenta lill-kontumacji fuq l-att lill-Avukat Dottor Vincent Galea.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuti izda l-ispejjes tal-kuntratt jithallsu mill-atturi li ghandhom ihallsu**

**provizorjament lill-kuraturi deputati u lill-kuraturi tal-kontumacji.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------